MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2012

Numru. 115/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**Vs**

**Marlon Parnis, iben Emanuel u Agnese nee` Schembri, imwieled Pieta` nhar l-24/09/1976, residenti 29, Gal Scorpio, Fl 110, Dahlet id-Dejr, Rabat (Malta), ID card nr. 12277M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat li giet akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-17 ta' Mejju, 2008 u matul is-sentejn qabel din id-data;

Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-

esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew iforni d-droga ‘msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u dan bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Kif ukoll talli sar recidiv wara sentenzi moghtija mil-Qrati (Malta) nhar it-18.01.2005 mill-Magistrat Dr. Dennis Montebello LL.D u nhar it-28.04.2005 mil-Magistrat Dott. A. Vela LL.D, liema decizjonijiet saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai Termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101);

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi l-imputat illum ghandu impjieg u rriforma hajtu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02, l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-multa ta' hames mitt euro (€500) liema multa tista' tithallas f'rati mensili ta' hamsin euro (€50) fix-xahar bl-ewwel pagament mhux aktar tard mill-1 ta' Ottubru, 2012.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------